# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2002

Citazzjoni numru 1354/92 AJM

Kawza numru

Kummissarju tal-Artijiet

Vs

Romeo Gauci, nominat kuratur deputat b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Marzu 1982, biex jirrapresenta sidien incerti, Rene Buttigieg u Dottor Ettore Lucia, u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2001 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Dolores Lucia, armla ta' Dottor Ettore Lucia, Marisa Portelli, Alfredo Lucia, Patricia Gauci, Lilian Warrington u Stefano Lucia, ulied Dottor Ettore Lucia li miet fil-mori tal-kawza

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-25 ta' Novembru 1982 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi b'rikors ta' l-10 ta' Frar 1982, l-attur ipproceda kontra Romeo Gauci, nomina deputat kuratur b'digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 1982 biex jirrapresenta sidien incerti, talab lill-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet jordna lill-Gauci nomine biex jittrasferixxi favur l-attur, b'xiri assolut, bhala franka u libera l-bicca art f'H'Attard, jiffissa l-kumpens xieraq, il-pubblikazzjoni tal-att relattiv u n-nomina ta' kuratur ghall-eventwali kontumaci; illi Gauci nomine kien baqa' kontumaci, izda l-Bord, fis-27 ta' Ottubru 1988 ikkjama fil-kawza lill-Rene Buttigieg u lil Dottor Ettore Lucia, kontra kull opposizzjoni ta' l-atturi; illi l-Bord ma setghax jikkjama in kawza lill-imsemmija Buttigieg u Dr Lucia stante li dan setghet taghmlu biss din l-Qorti, u anke peress li b'hekk, il-kjamati in kawza jistghu jigu meqjusa bhala sidien tal-art esproprjata, mentri d-determinazzjoni tal-proprjeta' hija kompetenza esklussiva ta' din il-Qorti; illi b'decizjoni tat-2 ta' Novembru 1992, il-Bord stabilixxa 30 gurnata biex l-attur jqajjen certa kwistjonijiet quddiem din il-Qorti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-Bord kien inkompetenti biex jvarja jew jissostitwixxi, bid-digriet tal-kjamat in kawza, id-digriet ta' din l-Qorti fejn Gauci gie appuntat kuratur biex jirrapresenta sidien incerti, ghar-ragunijiet premessi;
2. tiddikjara u tiddecidi illi stante li Gauci baqa' kontumaci, jigi illi huwa accetta l-ammont offrut, liema accettazzjoni torbot lill-persuni rappresentati minnu, irrispettivament mill-kjamati in kawza.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut Romeo Gauci presentata fil-11 ta' Marzu 1993 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Bord ma varjax d-digriet tan-nomina tieghu u f'kull kaz il-Bord kien gustifikat li jikkjama fil-kawza lil Rene Buttigieg u Dottor Ettore Lucia.
2. Illi t-tieni talba attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjent ma kienx kontumaci u anke kieku kien, kontumacja tfisser kontestazzjoni u m'hux accettazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut Gauci.

Rat il-kontro talba tal-istess konvenut Gauci li wara li ppremetta illi b'rikors ta' l-10 ta' Frar 1982 il Kummissarju tal-Artijiet pproceda kontra l-eccipjent quddiem il-Bord tal-Arbitragg Dwar l-Artijiet liema rikors kien jirrigwarda proceduri ta' esproprjazzjoni ta'proprjeta' f'Attard u kumpens dwar l-istess; illi b'digriet tat-28 ta' Marzu 1982 l-attur gie nominat biex jirrapresenta s-sidien incerti tal-istess proprjeta; illi l-istess Kummissarju tal-Artijiet kien konxju li s-sidien mhumiex incerti u kien jaf jew seta' kien jaf bihom kieku ghamel ricerka adegwata u ghalhekk l-procedura ghall-hatra ta' kuratur ghas-sidien incerti kienet nulla; illi l-eccipjent ipprova li jidhlu fil-kawza is-sidien kollha izda sab opposizzjoni mill-Kummissarju tal-Artijiet; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-procedura ghal hatra ta' kuraturi ghas-sidien incerti hija nulla u nvalida ghar-ragunijiet premessi;

2. tiddikjara illi s-sidien tal-art in kwistjoni m'humiex incerti u li dawn huma Anna Gauci bhala subdirettarja, Rene Buttigieg u Dr. Ettore Lucia bhala utilisti u Dr Joseph Lewis Grech u ohrajn li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza bhala direttarji;
3. tordna li jigi notifikat l-avviz ghal ftehim ta' bejgh tal-istess proprjeta' lis-sidien li jirrizultaw fit-talba precedenti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-istess Romeo Gauci.

Rat in-nota tal-Perit Rene Buttigieg presentata fit-18 ta' Marzu 1993 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi l-ewwel domanda ghandha tigi michuda billi l-attur messu appella mid-digriet tal-kjamat in kawza.
2. It-tieni talba ghandha tigi michuda ghaliex in-nomina ta' Romeo Gauci bhala kuratur biex jirrapresenta sidien incerti hija nulla billi l-attur kien jaf li l-eccipjent huwa sid tal-art in kwistjoni u ghalhekk in-nomina ma saritx skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-istess Perit Rene Buttigieg.

Rat in-nota tal-konvenut Dr. Ettore Lucia tat-18 ta' Marzu 1993 li permezz taghha ta l-istess eccezzjonijiet tal-konvenut precedenti.

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Artijiet tal-14 ta' April 1993 li permezz taghha eccepixxa ghall-kontro talba illi din hija nsostenibbli fil-ligi peress illi d-decizjoni tal-Bord tat-2 ta' Novembru 1992, tat il-fakolta' lill-esponent biss biex jiddeduci u jippromwovi l-azzjoni odjerna u l-konvenuti ma jistghux jaghmlu kontro talba li tmur oltre l-parametri tad-decizjoni tal-Bord.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' April 1993 meta gie mahtur Dr. Saviour Demicoli bhala assistent gudizzjarju sabiex jigbor il-provi tal-partijiet, liema hatra sussegwentement giet revokata u nhatret Dr. Maria Dolores Gauci.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-Kummissarju tal-Artijiet ghall-Kontro talba tal-konvenut Gauci li wara giet irtirata fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 1995.

Rat is-sentenza preliminari taghha tal-4 ta' Ottubru 1995 meta l-eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet ghall-ammissibilita' tal-kontro talba tal-konvenut Gauci moghtija fl-14 ta' April 1993 giet michuda.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u d-dokumenti ezebiti u tan-nota ta' osservazzjoni tal-konvenut Perit Rene Buttigieg.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Marzu 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-proceduri huma konsegwenza ta' digriet moghti mill-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet fit-2 ta' Novembru 1992 fil-proceduri Kummissarju ta' l-Artijiet vs Romeo Gauci nomine (Rikors numru 21/82) relatati mal fissazzjoni tal-kumpens xieraq konsegwenti tehid forzuz ta' art f'H'Attard.

F'dawk il-proceduri, li kienu ttiehdu kontra Romeo Gauci nominat kuratur ghas-sidien incerti tal-art mehuda, kienu saru talbiet minn Dr Ettore Lucia u l-Perit Rene Buttigieg sabiex dawn, qua proprjetarji tal-istess art, jissejhu fil-kawza. Din it-talba kienet giet milqugha u konsegwentement dawn l-istess kjamati fil-kawza pprezentaw r-risposti taghhom f'dawk il-proceduri fejn irrifjutaw l-offerta maghmula fin-"Notice to Treat" da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet.

Kienet saret opposizzjoni minn naha tal-Kummissarju sew kontra l-akkoljiment tat-talba ghall-kjamata in kawza kif ukoll ghall-presentata tar-risposta. Dan billi fil-proceduri inizjati kontra Romeo Gauci fil-kapacita' tieghu ta' kuratur tas-sidien incerti, l-istess Gauci kien baqa' siket wara li gie interpellat b'ittra ufficjal kontenenti l-offerta tal-Kummissarju tal-Artijiet fir-rigward tal-art mehuda. Il-Kumissarju ghalhekk kien qed jikkontendi li s-sidien tal-art, kif rappresentati, kienu baqghu kontumaci u l-Bord ma kellux jaghmel xejn aktar hlief li jikkonsidra l-offerta maghmula bhala accettata u jaghti s-sentenza tieghu sommarjament fuq ammissjoni u dan a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk, f'dawk il-proceduri, saret talba mill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex d-digriet tal-kjamata in kawza jigi revokat 'contrario imperio' u b'hekk l-istess Dr. Lucia u l-Perit Buttigieg jigu estruzi mill-proceduri bil-konsegwenzi li johorgu minn tali sitwazzjoni.

Il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet bid-digriet fuq imsemmi, wara li ghamel rassenja tas-sottomissjonijiet tad-diversi kontendenti interessati, applika l-provedimenti ta' l-artikolu 26 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li "meta, matul il-procedimenti quddiem il-Bord tinqala' xi

kwistjoni li mhijiex inkluza taht is-subartikolu (1) tal-Artikolu 25, il-Bord ghandu jirriserva li dik il-kwistjoni tigi deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u ghandu jistabilixxi zmien ghal parti li tqajjem dik il-kwistjoni li fih tressaqa b'citazzjoni quddiem l-imsemmija Qorti; il-Bord ghandu mbaghad jaggorna l-procedimenti sakemm tinghata decizjoni finali fuqha mill-Qorti Civili jew sakemm ighaddi l-imsemmi zmien, liema minnhom ikun l-aktar kmieni." Konformement il-Bord ta tletin gurnata lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jipprocedi quddiem din il-Qorti ghal determinazzjoni tal-kwistjonijiet li skond l-istess Bord gew indikat hekk:-

1. Jista' l-Bord jaltera jew jissostitwixxi d-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li nnominat kuratur biex jirrapresenta sidien incerti, jew ghandha tkun l-istess Prim Awla tal-Qorti Civili li taltera jew tissostitwixxi l-istess digriet?; u
2. Kuratur biex jirrapresenta sidien incerti li baqa' ma rrispondiex ghall-Avviz ghall-Ftehim, ikun ippregudika l-interessi ta' sidien certi li jitfaccaw wara fil-kors tal-proceduri mibdijin kontra l-istess kuratur f'dik il-kwalita' b'mod li l-istess sidien certi ma jkunux jistghu ifissru l-oggezzjoni taghhom ghall-Avviz ghall-Ftehim ghax ikunu ddekadew mit-terminu ghar-risposta bhallikieku kienu huma stess li rcevew l-Avviz ghall-Ftehim?

Il-proceduri odjerni istitwiti mill-Kummissarju jindirizzaw dawn iz-zewg kweziti billi mill-banda l-wahda qed tintalab dikjarazzjoni li l-Bord huwa inkompetenti li jvarja jew jisstitwixxi digriet tal-Prim Awla u fit-tieni lok din il-Qorti qedha tigi mitluba sabiex tiddikjara li l-offerta maghmula fin-Notice to Treat hija vinkolanti.

Dawn iz-zewg talbiet izda huma kuntrastati bil-kontro talba maghmula minn Romeo Gauci flimkien man-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. Infatti

l-istess Gauci qed jitlob li jkun hemm pronunzjament ta' din il-Qorti fis-sens li l-hatra tieghu bhala kuratur tas-sidien incerti tigi dikjarata nulla u invalida, billi ukoll jigi dikjarat li s-sidien tal-art qatt ma kienu incerti billi dawn huma Anna Gauci bhala sub direttarja, Rene Buttigieg u Dr Ettore Lucia bhala utilisti u ohrajn li jirrizultw waqt it-trattazzjoni; u billi ukoll tordna n-notifika taghhom ta' l-Avviz ghall-Ftehim.

Ikkunsidrat:-

Il-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola t-tehid forzuz ta' proprjeta' privata fl-interess pubbliku, ghandu l-ghan ewlieni li jassigura, mhux biss li l-Gvern, li jhares l-interess pubbliku, ma jigiex mfixkel mit-tehid ta' dik l-proprjeta' hekk mehtiega, izda, b'rispett lejn l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jara li kull persuna li tippretendi kumpens ghall-proprjeta' mehuda, mhux biss tipprecepixxi l-kumpens xieraq, izda ukoll li jkollha access lil Qorti jew tribunal indipendenti. Ghalhekk naraw certa provvedimenti fil-Kapitolu sotto ezami li jagevolaw d-dritt tal-Gvern li jiehu pussess tal-art in kwistjoni, anke minghajr ma jkun hemm decizjoni finali fuq l-ammont li ghandu jithallas. Mill-banda l-ohra l-ligi trid li kull parti interessata f'dik l-art jew proprjeta' tigi notifikata bid-dikjarazzjoni tal-President dwar il-htiega tat-tehid tal-proprjeta' taghha u bl-Avviz ghall-Ftehim fejn issir l-offerta ghall-akkwist taghha b'liema titolu jkun.
L-istess ligi tohloq bord maghruf bhala l-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet. Dan il-Bord li huwa kostitwit minn 'chairman' li ghandu jkun jew Imhallef jew Magistrat, ghandu d-dmirijiet tieghu marbutin mal-iskop tal-ligi infisha. U cioe li jordna t-tehid immedjat ta' art, li jordna t-trasferiment ta' proprjeta' lill-awtorita' kompetenti skond il-kaz; li jimponi servituijiet; li jittermina kirjiet; li jistabilixxi l-kumpens xieraq u

finalment li jordna l-esekuzzjoni tad-decizjonijiet tieghu. Dawn huma kollha dmirijiet relatati ma dak li trid tottieni l-ligi. Izda l-istess ligi tistabilixxi li sabiex dan il-Bord jkun jista' jiffunzjona sewwa u jwassal lill-partijiet ghall-iskopijiet intenzjonati fl-att, dan ghandu jkollu l-poteri kollha konferiti lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, u, b'rispett lejn l-provedimenti partikolari tal-Att, japplikaw ghalieh il-provedimenti kollha li jinsabu fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Dan x'jfisser? Fil-fehma ta' din il-Qorti l-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet mhux biss ghandu d-dritt imma wkoll id-dmir li, fil-proceduri li jigu istitwiti quddiemu, jiddetermina huwa stess kull kwistjoni li ma tkunx direttament riservata lill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Huwa minnu li l-Artikolu 26 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li meta fi proceduri quddiem il-Bord titqanqal xi kwistjoni li ma taqax taht is-subinciz (1) ta' L-artikolu 25, u cioe dawk id-dmirijiet elenkati aktar 'l fuq, il-Bord ghandu jissoprasjedi u jirrimetti d-decizjoni ta' tali kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Izda fil-proviso ghall-istess artikolu insibu li kull referenza ta' punt ta' dritt jew ta' fatt, ma ghandhiex tfixkel lill-Awtorita' mit-tehid ta' pussess tal-art. Minn dan din il-Qorti tifhem li s-soprassesjoni tal-Bord ghandha tkun limitata meta jitqanqlu kwistjonijiet ta' dritt jew ta' fatt, bhal perezempju, d-drittijiet rispettivi tad-diversi komproprjetarji. Haga din li l-Prim Awla biss tista' tistabilixxi billi ukoll l-Bord ma inghatax din il-kompetenza. Izda kemm'l darba waqt il-proceduri titqanqal xi haga li tkun merament ta' natura procedurali, dik il-kwistjoni ghandha tigi determinata mill-istess Bord.

L-artikolu 961 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jistabilixxi li terza persuna, b'digriet tal-qorti, f'kull waqt tal-kawza qabel

is-sentenza, tista' tigi msejha f'kawza miexja bejn partijiet ohra fil-qorti ta' l-ewwel grad, sew fuq talba ta' wahda mill-partijiet kemm ukoll minghajr dik it-talba. Kull provediment hekk moghti huwa wiehed intrinsikament ta' natura procedurali billi ma jeffetwax is-sustanza ta' dawk il-proceduri u huwa intiz biss sabiex jiggarantixxi l-integrita' tal-gudizzju. Ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn il-htiega li l-kwistjoni tigi riferita lill-Prim Awla. B'hekk l-ewwel talba attrici mhux gustifikata.

L-attur qed jilmenta ukoll li bil-kjamata in kawza gie disturbat id-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li kienet hatret lil Romeo Gauci bhala kuratur tas-sidien incerti u li tali kjamata in kawza ppregudikat lill-attur inkwantu l-kontumacja tas-sidien rappresentati minn Romeo Gauci ma ghandhiex aktar effett.

Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li huwa d-dmir tal-Kummissarju tal-Artijiet li jassigura li d-dikjarazzjoni tal-President kif ukoll l-Avviz ghall-Ftehim jigi notifikat lil "every owner of and every other party having a legal interest in the land to which the declaration refers of whose existence and identity the competent authority is aware." (Art. 9). Issa jirrizulta li l-konvenuti Dr. Lucia u l-Perit Buttigieg qatt ma gew notifikati bid-dikjarazzjoni tal-President u dana ghalkemm l-istess attur kellu indikat lilu isem Dr. Ettore Lucia bhala 'apparent owner' ta' l-art. Jirrizulta ukoll li f'kuntratti ohra fejn l-attur akkwista art adjacenti ghall-dik tal-konvenut Lucia u Buttigieg, wiehed mill-irjieh huwa indikat l-istess Dr. Lucia. Inoltre jirrizulta ukoll li jezistu hames kuntratti ta' akkwist li permezz taghhom l-istess Dr. Lucia u l-Perit Buttigieg akkwistaw l-art in kwistjoni. Dawn l-atti li jinsabu registrati fi-Registru Pubbliku kienu ad disposizzjoni tal-istess attur li, fic-cirkostanzi seta' facilment ghamel ricerka sabiex jistabilixxi s-sidien tal-art li kienet ser

tittiehed forsozament u b'hekk jaqdi l-obbligi kontemplati fl-artikoli 9 u 12 tal-Kap 88. L-attur jidher li naqas b'mod lampanti milli jaqdi l-obbligi tieghu skond il-ligi billi jidher li ha "the line of least resistence" billi talab il-hatra ta' kuratur ghall-sidien incerti meta kellu l-informazzjoni u setgha' jassikura ruhu dwar il-proprjeta' tal-art in kwistjoni.

Il-hatra ta' Romeo Gauci bhala kuratur tas-sidien incerti ma hijiex imfixkla jew disturbata bil-kjamata in kawza tal-konvenuti Lucia u Buttigieg billi l-fatt li uhud mis-sidien issa huma maghrufa, ma jnaqqas xejn mil-kariga ta' l-istess Gauci bhala kuratur ta' dawk is-sidien ohra li ghadhom mhux maghrufa - kif jghid l-istess Gauci fil-kontro talba tieghu. Infatti l-artikolu 10 tal-Kap 88 jipprovdi ghas-sitwazzjoni fejn issir il-hatra ta' kuratur ghal uhud mis-sidien incerti. Tali hatra ma teskludiex l-presenza fil-kawza ta' persuni ohra, li jista' jkollhom titolu fuq l-art, u li konsegwentement ghandhom ukoll jigu notifikati bid-dikjarazzjoni tal-President u l-Avviz ghall-Ftehim.

Fl-ahharnett din il-Qorti thoss li ghandha turi d-disapprovazzjoni taghha lejn l-attitudini tal-Kummissarju tal-Artijiet li jinsisti li jibbenefika minn nuqqas ta' kuratur li jirrispondi ghall-Avviz ghall-Ftehim, sabiex jitlob decizjoni ossia provediment tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet a bazi tal-prezunta kontumacja tas-"**sidien**" kollha meta jirrizulta li dawn l-istess sidien maghrufa ma gewx notifikati bl-atti mehtiega bhala rizultat tan-nuqqas tieghu li jaqdi dmiru a termini tal-ligi. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad it-tieni talba attrici.

Ikkunsidrat:-

Il-konvenut Romeo Gauci qed jitlob fl-ewwel lok li tigi dikjarata nulla l-hatra ta' kuraturi ghas-sidien incerti u dana billi l-istess Kummissarju tal-Art kien konxju li s-sidien m'humiex incerti u kien jaf jew seta' kien jaf bihom kieku ghamel ricerka adegwata. Issa fit-tieni talba tieghu l-istess Romeo Gauci qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara illi s-sidien tal-art in kwistjoni huma Anna Gauci bhala subdirettarja, Rene Buttigieg u Dr. Ettore Lucia bhala utilisti u Dr. Joseph Lewis Grech *u ohrajn li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza bhala direttarji.* Minn din it-talba jidher li apparti l-persuni msemmija hemm persuni ohra li mhux maghrufa u li ghandhom jew jista' jkollhom interess f'din il-proprjeta'. Dan jfisser li l-hatra tieghu bhala kuratur ghandha skop u ghalhekk l-ewwel talba ma tistax tintlaqa'.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li t-tieni talba hija gustifikata b'dana li apparti l-persuni hemm imsemmija, l-istess Romeo Gauci ghandu jibqa' fil-proceduri sabiex jirrapresenta dawk s-sidien incerti jew mhux maghrufa sabiex il-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet jkunu jistghu jipprocedu.

Illi it-tielet talba tidher ukoll gustifikata billi giala darba jirrizultaw persuni li ghandhom interess fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg in kwantu dawn ser jigu milquta bl-esproprjazzjoni tal-art jew drittijiet fuq art, b'rispett lejn l-artikoli 9 u 12 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn ghandhom jigu notifikati bl-atti kollha relevanti sabiex ma jkunx hemm ksur tad-dritt ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' kontemplat fl-artikolu 37 tal-Kostitutzzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi fl-ewwel lok tichad it-talbiet attrici; u, fir-rigward tal-kontro talba ta'

Romeo Gauci, billi tichad l-ewwel talba billi din mhux gustifikata, u filwaqt li tilqa' it-tieni u t-tielet talba tal-konvenut Gauci, tiddikjara li s-sidien tal-art in kwistjoni mertu tal-proceduri quddiem l-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet huma Anna Gauci bhala sub-direttarja, Rene Buttigieg u Dr. Ettore Lucia jew llum mart u ulied l-istess Dr. Lucia, kif jirrizulta fl-okkju hawn fuq riportat, bhala utilisti u Dr. Joseph Lewis Grech u dawk il-persuni l-ohra mhux maghrufa kif rappresentati mill-istess Romeo Gauci bhala kuratur tas-sidien incerti, u finalment tordna li fil-proceduri ghat-tehid tal-proprjeta' in kwistjoni (Rikors numru 21/82) tinhareg notifika lill-persuni fuq imsemmija tal-atti kollha imsemmija fl-artikolu 9 u 12 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kollha ghall-attur Kummissarju tal-Art inkluzi dawk tas-sentenza preliminari tal-4 ta' Ottubru 1995, hlief ghal dawk li jikkoncernaw l-ewwel talba maghmula fil-kontro talba ta' Romeo Gauci, liema spejjes konnessi ma din it-talba ghandu jbatihom l-istess Romeo Gauci.

Onor Imhallef Albert J. Magri